**7 ta' Lulju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

B

*versus*

G

**Żwieġ - Dikjarazzjoni ta' Nullita`**

*Il-kontendenti wrew immaturita` kbira meta waslu biex jiżżewġu u dan anke għamluh minħabba pressjoni mill-ġenituri; huma ma għamlu xejn ħlief qagħdu kif poġġewhom, u ħallew lil ħaddieħor jiddeċidi għalihom.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-partijiet iżżewġu fit-23 ta' April, 1972 fil-Knisja tal-Kunċizzjoni, Bormla (dok. A);

U billi fil-31 ta' Ottubru, 1972 twieldet tarbija (Dok. B);

U billi l-kunsens ta' l-attriċi għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat bi pressjoni familjari, morali u soċjali li jammontaw għall-vjolenza morali kif ikkontemplat fl-artikolu 19(1)(a) ta' l-Att li Jirregola ż-Żwieġ (Att XXXVII ta' l-1975) u inoltre l-istess kunsens kien ivvizzjat ukoll *ai termini* ta' l-artikolu 19(1)(f) b'esklużjoni ta' wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ;

U billi l-partijiet huma separati (Dok. C);

Talbet li din il-Qorti:

Tiddeċidi u tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-partijiet fuq imsemmi kien null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess attriċi u l-lista tax-xhieda minnha indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eċċepixxa li kien jaqbel li l-kunsens ta' l-attriċi kien ivvizzjat

minħabba pressjoni morali kif ukoll il-kunsens tagħha kien ivvizzjat bl-esklużjoni ta' wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ. Għamel ukoll riserva għall-eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu ndikati;

*Omissis*;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi pprezentat din iċ-ċitazzjoni biex jiġi ddikjarat null u bla effett iż-żwieġ illi hija kkuntrattat ma' G fit-23 ta' April, 1972 u hija bbażat din it-talba tagħha fuq il-premessa li l-kunsens tagħha kien ivvizzjat a tenur ta' l-artikolu 19(1)(a) u (f) ta' l-Att 37 ta' l-1975;

Illi mir-riżultanzi proċesswali jidher illi meta l-attriċi bdiet toħroġ mal-konvenut kellha biss sbatax-il sena u wara li kienu ilhom ftit xhur flimkien minħabba r-relazzjonijiet sesswali intimi li kienu qegħdin jipprattikaw, hija ħarġet inċinta; ta' tifla li kienet ippruvat tagħmel minn kollox biex tipprova tkorri bil-mezzi li volgarment wieħed kien jisma' li jistgħu jagħtu lok għall-korriment, iżda meta dan ma rnexxiex hija kienet kostretta tiżżewweġ lill-konvenut;

Illi dwar il-karattru u l-atteġġjament ta' l-attriċi, jiġi rrilevat dak li xehdet hija stess relattivament għat-twelid ta' din l-ewwel

tarbija tagħha: "meta twieldet Janice għamilt tliet ġimgħat ma ridtx nerfagħha peress li ma ridtx nemmen li kelli tarbija u peress illi ma kontx *inħoss li kelli nħobbha*";

Illi oltre l-eta` żgħira ħafna ta' l-attriċi jiġi rrilevat illi l-konvenut anqas biss kien daħal id-dar tal-ġenituri ta' l-attriċi u għamel dan biss wara illi kellhom jinfurmaw lill-ġenituri illi hija kienet tqila;

Illi l-attriċi tispjega kif ommha fid-dar tal-ġenituri tagħha kienet dik li tħoll u torbot kollox u illi kienet ħadet ħsieb hi dak kollu li kien relatat maż-żwieġ. Kienet omm l-attriċi li għamlet l-arranġamenti kollha għat-tieġ. Ommha rat dwar il-Knisja u r-*reception* ma saritx. Iltaqgħu *biss fil-flat li kienet sabitilhom omm* il-konvenut. Omm l-attriċi kienet ħietet il-libsa tat-tieġ. Omm l-attriċi xtrat kollox, sa xtratilha ċurkett ta' l-*engagement* biex taparsi tkun tgħarrset. Dan kollu sar għal wiċċ in-nies;

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa r-riżultanzi kollha proċesswali, taqbel mal-konsiderazzjonijiet u mal-konklużjonijiet peritali u tagħmel tagħha l-istess relazzjoni anke biex tevita diversi ripetizzjonijiet inutili;

Illi l-Qorti tifhem illi l-kontendenti wrew immaturita` kbira meta waslu biex jiżżewġu u dan anke għamluh *minħabba pressjoni* mill-ġenituri; huma m'għamlu xejn ħlief qagħdu kif poġġewhom; l-immaturita` tal-konjuġi ma' ħallithomx jiġbru kuraġġ meħtieġ biex jagħtu tassew il-fehma tagħhom li possibbilment kienet tkun differenti minn dik illi jiddeċidu li jiżżewġu. Irriżulta ċar li l-ġenituri tagħhom minflok, kif suppost, kienu l-persuni illi lluminawhom u għenuhom biex jaslu għad-deċiżjoni finali fixkluhom u ġegħluhom

jieħdu pass li kellu jogħġob biss lil għajn in-nies u mhux ċertament li ttieħdet bl-interess ta' l-ulied. L-immaturita` grossolana ta' l-attriċi rriżultat mill-mod kif hija spjegat li l-vantaġġ prinċipali li tiżżewweġ kien illi "mhux ser naħdem iżjed u nkun nista' niekol ħafna ċikkulata d-dar";

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti, oltre dak sottomess mill-abbli relatriċi, tifhem illi l-immaturita` tal-partijiet twassal ukoll biex tispjega li l-attriċi żżewġet ukoll anke minħabba l-biża' li hija kellha tal-ġenituri tagħha anke meta wieħed jikkonsidra li hija kienet it-tifla l-kbira fil-familja u ommha kienet pjuttost fuq tagħha; dana kollu wkoll jiġi kkunsidrat fl-isfond ta' l-immaturita` assoluta tal-kontendenti li kienet twassal ukoll għal nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq dak li huma kienu sejrin jagħmlu meta jiżżewġu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' April, 1972 u dan minħabba nuqqasijiet a tenur ta' l-artikolu 19 ta' l-Att dwar iż-Żwieġ;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.